MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Numru. 242/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Redeemer Theuma**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Redeemer Theuma iben Anthony u Avon xebba Grech imwieled Pieta' nhar is-17 ta' Awwissu 1987 ta' nazzjonalita Maltija u residenti 18, Triq il-Herba, Zejtun jew BlkB Flt 5 Triq Martin Luther King, Fgura li jgib n-numru tal-karta tal-identita' 444587M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fl-10 ta' Dicembru 2011 fl-inhawi ta' Bormla ikkommetta serq ta' oggett u cioe' rimijiet ta' vettura tal-ghamla BMW,

liema serq, li sar ghad-detriment ta’ Reno Azzopardi minn Bormla u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma mhux aktar minn Euro 2329.37, u bil-hin;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta’ Marzu 2012 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta’ Mejju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-10 ta’ Mejju 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta u kkunsidrat l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270 u 279 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessa u tikkundannah tnax(12)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed

jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum u inoltre b’applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali tpoggi lill-hati taht Ordni ta’ Supervizjoni ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum taht is-sorveljanza tal-Probation Officer Matthew Fleri Soler.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ghall-Probation Services sabiex jinhatar il-kandidat idoneju sabiex jissorvelja lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------